## MINUTI

## Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 29

**15 ta' Settembru 2021**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**N/A**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

## 29.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

29.1.1 Kulhadd attenda ghal-laqgha ghaldaqstant ma kinx hemm ittri ta' apologiji.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

29.2.1 Il-Minuti gew imressqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni**.**

## 29.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

29.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mresqa u wara l-Vici Sindku Oriana Calleja ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha

## 29.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

29.4.1 Is-Sindku gibed l-attenzjoni li ghal diversi tul ta' snin, dejjem kien hemm il-fiducja li certu affarijiet zghar ma jkollniex ghalfejn noqodu nistennew laqgha tal-kunsill biex din tigi approvata ghax b'hekk jemmen li l-operat tal-Kunsill jahdem ahjar u ma jkollniex ghalfejn inkaxkru saqajna biex
isiru certu affarijiet.

Ghaldaqstant is-Sindku qed jitlob delega mill-Kunsill bil-miktub fejn uffiċjalment ikollu permess biex ikun jista jordna xi affarijiet li jkunu urgenti/affarijiet zghar u ma joqghodx jistenna biex tigi diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill.

Wara diskussjoni twila l-Kunsill iddecieda li s-Sindku jkollu delegazzjoni bi treshold sa €1000 fix-xahar biex b'hekk jitjieb l-operat tal-kunsill.

29.4.2 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv kienet baghtet e-mail rigward konferenza dwar

"Security, Democracy & Cities" li se ssir gewwa Nizza. Is-Sindku qal li huwa u l-Kunsillier Eugenio Muscat infurmaw is-Segretajru Ezekuttiv li huma interessati biex jattendu u saqsa hekk hemm xi hadd iehor li jixtieq jattendi ukoll.

Il-Vici Sindku Oriana Calleja u l-Kunsilliera Ronald Portelli u Louise Cachia Castelletti ma xtaqux jattendu.

Il-Kunsill unanimament qabel li s-Sindku Max Zammit u l-Kunsillier Eugenio Muscat jattendu ghal din il-konferenza.

29.4.3 Is-Sindku qal li r-Regjun Centru hareg skema ta' €5000 fuq korsijiet tal-kompjuter onlajn L-iskop ta' din l-iskema huwa biex naghlmu iktar lill-komunita' taghna juzaw is-sistemi li jistghu juzaw onlajn. Is-Sindku qal li huwa qed jahdem biex naghmlu korsijiet kif l-anzjani juzaw zoom, microsoft teams, life after the pandemic u advanced ECDL.

Is-Sindku qal li kemm jistajkun inharju lir-residenti ta' Ta' Xbiex biex japlikaw imma hekk ikun hemm iktar postijiet vojta jistghu japlikaw nies li jaqaw taht il-lokalitajiet tar-Regjun Centru.

## 29.5 Plant watering and irrigation system;

29.5.1 Is-Sindku qal li qed jircievi hafna rapporti li s-sistema tal-irigazzjoni mhux qed tahdem sewwa minhabba diversi ragunijiet, fost l-ohrajn huma li l-gibjun forsi mhux daqsekk kbir, il-pipijiet jinqasmu, it-toqob tad-drippers jinstadu bil-hamrija stess u hekk drippers ma jkunux ezatt mdawrin mal-pjanti xorta l-pjanti ma jkunux qed jissaqqew sewwa.

Ghaldaqstant is-Sindku qed jissuggerrixxi li nqabdu bowser u nibdew nsaqqu iktar ta' spiss anke hekk ikun hemm bzonn li nhalsu iktar.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 29.6 Bring in Sites;

29.6.1 Is-Sindku qal li parti mil-agreement mal-GreenPak kien li jsir il-wooden casing madwar l-Ibins. Bis-sahha ta' dawn il-wooden casing naqsu hafna l-complaints. Izda rcevejna komunikazzjoni minghand il-GreenPak li dawn qed jinkisru ta' spiss u l-kolletur qed issib diffikulta biex ibattal l-Ibins. Ghaldaqstant is-Sindku qal li b'komunikazzjoni mas-Segretarju Ezekuttiv nehhejna l-wooden casing fuq prova.

Izda huwa qal li rega qed jircievi hafna ilmenti li qed ikun hemm il-hmieg madwar l-Ibins ghax ovjament in-nies li qed jiksru l-ligi u jitfu l-boroz taghhom hdejn l-Ibins qed jidru u ma ghadhomx jinhbew wara l-wooden casing.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hija kienu jogbuha l-wooden casing ghax kienu jidru nodfa u ma kinx ikun jider il-hmieg imma issa tkun ghaddeja tinnota l-hmieg li jkun

hemm.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li huwa jdur ta' spiss u qal li mhux qed ikun hemm hafna hmieg fil-madwar. Huwa gibed l-attenzjoni li qed ikun hemm il-hmieg bil-palma li telghet quddiem l-IBins.

Il-Vici Sindku qalet li kienu jogbuha bil-wooden casing.

Il-Kunsillier Ronald Portelli qal li jipreferihom minghajrhom.

Il-Kunsill iddecieda li l-ewwel innehhu l-palma li telghet fit-triq u hekk xorta jibqa jkun hemm Il-hmieg nergu niddiskutuwha.

29.6.2 Is-Sindku u l-Kunsiller Louise Cachia Castelletti gibdu l-attenzjoni li cameras fuq l-Ibins ta' Triq ir-Rampa ghadhom ma sarux.

Is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota biex tara ghalfejn dawn ghadhom ma sarux.

## 29.7 Standards of practice;

29.7.1 Is-Sindku qal li ghandhom isiru tip ta' guidelines biex il-kunsill jista jahdem ahjar u nahdmu b'mod aktar professjonali. Is-Sindku qal li jixtieq li kulhadd jaghmel l-ezercizzju tieghu u meta nergu niltaqaw niddiskutu l-ideat ta' kulhadd.

29.7.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti issuggerrit li jintaghzel sotto-kumitat, naghmlu draft ta' dawn il-guidelines u nergu nitkelmuhom waqt il-laqgha tal-kunsill.

Is-Sindku qal li jissuggerixxi li l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti tmexxi dan is-sotto-kumitat. Huwa qal li huwa xorta se jkun qed jghinha.

## 29.8 Kuntratt tal-knis;

29.8.1 Is-Sindku qal li qed jircievi hafna ilmenti li t-toroq qed ikunu mahmugin. Gibdulu l-attenzjoni xi residenti u qalulu li l-kennies qed jaghmel xoghlu sewwa izda hemm bzonn li jinkinsu iktar ta' spiss ghax f'gimgha qed jingabar hafna hmieg. Ghaldaqstant is-Sindku tal-idea li sakemm nigu biex nohorgu t-tender il-gdid, ghandna nghidu lill-kuntrattur li qed jiehu hsieb il-knis bhalissa, biex it-toroq kollha ta' Ta' Xbiex jigu mnadfa darbtejn fil-gimgha. Is-Sindku qal ukoll li b'dan l-ezercizzju se nkunu nistghu nistudjaw u naraw hekk it-tender li rridu nohorgu hekk nitolbux li t-toroq jsirux darbtejn fil-gimgha jew nhalluh kif inhu.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li huwa jaqbel izda l-importanti li jkolna zewg kenniesa.

Il-Kunsill qabel unaniment.

## 29.9 Fondi tal-LESA;

29.9.1 Is-Sindku qal li dawk il-fondi li konna tlifna fi zmien li s-Segretarju Ezekuttiv kienet fuq strike, regaw hargu u nistghu napplikaw ghaliehom.

Is-Sindku qal li jixtieq lill-Kunsilliera biex jahsbu f'xi progetti differenti u fil-laqgha li jmis jiddiskutu bejniethom u jiddeciedu ghal liem progett japplikaw.

29.9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmathom li rridu jiddeciedu malajr minhabba li d-deadline hija 22 t' Ottubru,2021. Ghaldaqstant trid issir laqgha b'urgenza.

## 29.10 AC tal-Electric Van;

29.10.1 Is-Sindku qal li Michael Attard Ltd li rebah it-tender tal-electric van qed jiproponu biex jaghmlu AC iktar b'sahhtu biex jlehhaq ukoll ghall-passiggiera ta' wara. Is-Sindku qal li dan jigi jiswiena ftit il-fuq minn €1000.

Il-Kunsill qabel unanimanet.

## 29.11 Gurnata Ghawdex;

29.11.1 Is-Sindku qal li hafna mir-residenti jixtiequ li naghmlu gurnata Ghawdex. Huwa qal li huwa jahseb li hekk nimxu mal-protocol tal-Covid-19, huwa jemmen li nistghu nibdew naghmlu l-attivitajiet li konna naghmlu fis-snin ta' qabel il-Covid-19.

Is-Sindku qal li ghandna naghmluha ukoll li min jixtieq jattendi jrid ikollu c-certifikat tal-vaccin.

Il-Kunsill qabel u gie deciz li issir fl-ewwel gimgha t'Ottubru.

## 29.12 Update/Board tal-interviews ghal vakanza ta' skrivan/a full time u part time;

29.12.1 Is-Sindku Max Zammit infurma lill-Kunsilliera li l-Jobsplus ikkonfermaw bil-miktub li ghandhom backload ta' xoghol u ilna nistennew biex nircievu l-lista tal-Part I u Part II. Il-kunsill rega iddiskuta din il-pozizzjoni u ntqal li minn dak iz-zmien li applikajna ghal din il vakanza sal-lum nbidlu l-bzonnijiet u r-realtajiet tal-kunsill u din il-vakanza ġiet deċiża unanimament li ma toħroġx.

Gie deiz li se nkunu qed noħorġu vakanza differenti ta' Council Assistant fuq Skala 16. Din il-vakanza se tolqot aħjar ir-realtajiet li qed naffaċċjaw preżentament, anki fid-dawl li kellna xi riżenji u ċaqlieq fil-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

29.12.2 Is-Sindku qal ukoll li min naha l-ohra il-vakanza ta' skrivan tal-part time ghadna kif rcevejna l-lista tal-Part III kif ukoll permess biex inkunu nistghu nippublikawa fil-media. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hija tista tibghat l-advert lid-DOI biex tigi ppublikata fil-gazzett tal-Gvern nhar It-Tnejn 20 ta' Settembru. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmathom li l-vakanza taghlaq fil-5 t'Ottubru. Ghaldaqstant gie deciz li jsiru l-interviews l-Erbgha 6 t'Ottubru u fil-board tal interviews ikunu s-Sindku Max Zammit, il-Kunsillier Ronald Portelli u l-Kunsillier Eugenio Muscat.

## 29.13 Attivitajiet;

29.13.1 Is-Sindku ssuggerrixxa li tigi diskussa meta niddeciedu ghalxiex se napplikaw ghal fondi tal-LESA.

## 29.14 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements;

29.14.1 Is-Segretarju Ezekuttiv iprezzentat l-Audited Financial Statements u spjegat fejn l-awdituri issuggerew li jsiru xi emmendi.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 29.15 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera;

29.15.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa fiex wassal it-tender tal-bankini.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li qed jahdmu fuq tender biex jinhareg.

## 29.16 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

29.16.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li fi Triq ix-Xatt kibret palma hdejn l-Ibins li trid titnehha mmedjatament ghax in-nies qed ihallu l-boroz tar-rubbish u qed iggib hafna hmieg.

## 29.17 Rapporti mill-Kunsilliera;

29.17.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-Kunsill ilhom jirrapurtaw lill-Enemalta li hemm xi bozzoz fuq arbli maqtughin, madwar 5 gimghat ilhom izda l-bozzoz ghadhom ma nbidlux.

Is-Sindku qal li la qed ikun hemm dan id-dewmien kollu ghandna ninfurmaw il-customer care tal-Ministeru tal-Energija.

## 29.18 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

29.18.1 Il-laqgha li jmiss ha ssir l**-Erbgha 3 ta' Novembru** fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-tmienja u nofs ta' filghaxija.

Konfermati llum l-Erbgha 15 ta' Settembru, 2021.

_IFFIRMATA________
Max Zammit
Sindku

_IFFIRMATA_________
Yasmine Tonna
Segretarju Ezekuttiv